MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2007

Numru 184/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Victor Aquilina**
**Spettur Ramon Mercieca**
v

**MARY FARRUGIA**

**Il-Qorti;**

Rat lil imputata **MARY FARRUGIA** ta' erbgha w erbghin sena, bint Carmel u Giovanna nee Muscat, imwielda Pieta nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Gunju 1961, u residenti 'Hilda', Flat 4, Triq il-Gummar, B'Kara, detentrici tal-karta tal-identita` numru 416461M giet imressqa quddiemha akkuzata talli:

1. Fis-sebgha ta' Frar 2006 ghal habta tal-hamsa tal-hdax u nofs ta' filghodu f'B'Kara, ikkagunat offiza li ggib sfregju gravi u permanenti fil-wicc ta' Denise

Camilleri minn B'Kara u dan permezz ta' xi arma, strument jew ghodda ohra regolari jew irregolari, inkella bi strument li jaqta jew iniggez;

2. Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' haddiehor f'perikolu car, ikkagunat hsara fil-gisem jew fis-sahha u cioe offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Denise Camilleri, u dan permezz ta' xi arma, strument jew ghodda ohra, regolari jew irregolari, inkella bi strument li jaqta jew iniggez;

3. Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ghamlet offiza gravi fuq il-persuna ta' Denise Camilleri u cioe sfregju fil-wicc tal-istess Denise Camilleri u dan permezz ta' xi arma, strument jew ghodda ohra, regolari jew irregolari, inkella bi strument li jaqta jew iniggez;

4. Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, permezz ta' xi arma, strument jew ghodda ohra, regolari jew irregolari, inkella bi strument li jaqta jew iniggez ikkagunat hsara fil-gisem jew fis-sahha u cioe offiza ta' natura hafifa fuq Luke Piscopo skond ma gie certifikat mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid;

5. Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament hassret, ghamlet hsara ohra jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe fuq il-bieb ta' barra tar-residenza ta' Denise Camilleri ghad-detriment tal-istess sid liema hsara hija aktar minn ghaxar liri maltin izda inqass minn hamsin lira maltin;

6. Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, hebbet ghal Denise Camilleri sabiex tingurjaha, iddejjaqha jew tghamlilha hsara;

7. Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, kisret il-paci pubblika w il-bon ordni pubbliku b'ghajjat u glied;

8. Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, bil-hsieb li ttellef jew tnaqqas l-gieh ta' Denis Camilleri, wegghatha bi kliem, gesti jew b'mod iehor.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tipprovdi ghas-sigurta ta' Denise Camilleri u tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-erbgha ta' Ottubru 2006 [fol 65] sabiex fin-nuqqas ta' oggezzjoni da parti tal-imputat din il-Qorti tiddecidi fuq il-htija li tista tinstab kontra l-istess imputata.

Rat il-verbal tas-seduta tas-sittax ta' Ottubru 2006 [fol 66] minn fejn jirrizulta li l-imputata iddikjarat li m'ghandhiex oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u lil imputata tixhed min jeddha b'mod voluntarju.

Semghet t-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta ta' nhar t-tlieta ta' Mejju 2007.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-hmsatax ta' Marzu 2006 **xehed l-Ispettur Ramond Mercieca** [fol 8] fejn qal li nhar s-sebgha ta' Frar 2006 l-ghassa B'Kara rceviet rapport minghand Denise Camilleri detentrici tal-karta tal-identita numru 376577M li toqghod 22, 'Hilda', Triq l-Gummar, B'Kara fejn allegat li ftit tal-hin qabel kellha xi tghid ma certa Mary Farrugia detentrici tal-karta tal-identita numru 416461M li tghix fl-istess blokk t'appartamenti 22, Flat 4, 'Hilda', Triq il-Gummar, B'Kara. Din irrappurtat li kellha argument ma persuna li tghix fis-sular ta' fuqha u din nizlet ghaliha w attakkata vjolentement tant li garrbet xi griehi f'wiccha u anke caqalqitilha sniena.

Minn aktar investigazzjoni rrizulta li l-argument bejn dawn t-tnejn kien inqala minhabba xi kwistjoni ta' xi allegati

sigaretti li gew mitfugha minn Mary Farrugia mis-sular ta' fuq ghal isfel li jigi l-proprjeta tal-familja ta' Denise Camilleri u din tal-ahhar gibditilha l-attenzjoni u Mary Farrugia nizlet kemm xejn irrabbjata ghaliha.

Denise Camilleri kienet marret c-Centru Mediku tal-Mosta qabel ma marret taghmel r-rapport l-ghassa fejn kienet giet certifikata li kienet qed issofri minn griehi ta' natura hafifa minhabba l-fatt li min ezamaniha ssuggerilha tmur tara dentist w d-dentist ghamlilha certifikat pero dan ma spjegatx ezatt n-natura tal-griehi. L-ghada Denise Camilleri regghet marret ghand dentist u sussegwentement irrizulta li s-snien ta' quddiem riedu jinqalghu kollha konsegwenza tad-daqqa li qalet bl-allegat mazz ta' cwievet minghand Mary Farrugia.

Ix-xhud spjega li kif dahal dan r-rapport, w l-griehi nqablu, u cioe minn feriti hfief gew gravissimi minhabba l-grif li Denise Camilleri kellha f'wiccha, u anke peress li wara tletin gurnata hi regghet marret ghand Doctor Farrugia c-Centru tas-Sahha tal-Mosta li ccertifikha li kienu feriti gravi, hu baghat jarresta lil imputata d-dar taghha. Meta l-imputata presenti fl-awla giet mitkellma fil-presenza ta' WPC 157 Zammit Borg, wara li nghatat s-solita twissija, din ghazlet li twiegeb ghal kull domanda li saritilha kif wkoll ghazlet li tiffirma stqarrija rilaxxjata minnha stess.

F'din l-istqarrija l-imputata ammettiet li kellha argument fuq xi tfigh ta' xi sigaretti. Hi cahdet li tefghet xi sigaretti. Hi qalet li Denise Camilleri kienet uzat kliem aggressiv fil-konfront taghha waqt li hi [l-imputata] kienet qed tnaddaf il-hgieg, u anke kellmitha hazin u kien ghalhekk li hi nizlet ghand Denise Camilleri, ghas-sodisfazzjon.

Qalet li kif habbtitilha l-bieb inqala l-incident. Ix-xhud qal li meta staqsa lil imputata jekk hi tatx lil Denise Camilleri b'xi cwievet, hi rrispondiet li c-cwievet kienet halliethom fil-bieb ta' barra u li ma kienet tatha ebda daqqiet b'xi cwievet. Cahdet li kienet ghamlet xi hsara fil-bieb ta' Denise Camilleri u li dahlet ghandha wkoll. Ix-xhud esibixxa kopja tar-rapport tal-pulizija bhala dokument RM 1, kopja tal-istqarrija tal-imputata bhala dokument RM 2,

kopja tac-certifikat mahrug mid-Dentist Doctor Attard Montaldo bhala dokument RM 3, kopja tal-allegat hsarat fuq l-bieb ta' barra ta' Denise Camilleri bhala dokument RM 4, kopja tal-ewwel certifikat ta' Denise Camilleri datat sebgha ta' Frar 2006 ftit tal-hin wara l-incident mahrug minn Doctor Farrugia bhala dokument RM 5, kopja ta' ritratti ta' Denise Camilleri rigwardanti l-giehi li allegatament kellha bhala dokument RM 6 u kopja ta' certifikat iehor allegatament mahrug mid-Dentist Doctor John Attard Montaldo fejn hemm stima tal-hsarat fi snien Denise Camilleri jekk snienha jigu *replaced* b'sett gdid, li gie mmarkat bhala dokument RM 7, kif wkoll certifikat mahrug nhar t-tmienja ta' Marzu 2006 u cioe wiehed u tletin jum wara l-incident fejn Doctor Farrugia iccertifika li l-griehi li garrbet Denise Camilleri kienu ta' natura gravi per durata, liema certifikat gie mmarkat bhala dokument RM 8.

Illi nhar l-hmsatax ta' Marzu 2006 **xehdet Doctor Ethel Farrugia** [fol 25] fejn qalet li hi kienet ezaminat lil Denise Camilleri fis-sebgha ta' Frar 2006 ghal habta tas-siegha neqsin ghoxrin ta' wara nofsinhar fic-Centru tas-Sahha l-Mosta fejn kellha grif u brix f'wiccha, madwar ghajnejha tal-lemin, tbengila bil-brix madwar ghajnejha tax-xellug u erbgha snin ta' quddiem ta' isfel imcaqilqha.  Qalet li hi tatha parir tara l-problema li kellha dwar snienha.  Ziedet tghid li tatha appuntament ghal tletin jum wara biex tara jekk ikunx hemm xi kumplikazzjonijiet fil-griehi li kellha f'wiccha.  Qalet li fl-ewwel certifikat li harget hi kienet kklassifikat l-griehi riskontrati dakinhar bhala hfief salv ghal xi kumplikazzjonijiet, pero meta regghet ratha tletin jum wara, u cioe fit-tmienja ta' Marzu 2006, sabet li l-marki ta' wiccha kienu ghadhom jidhru ghalkemm ma kienx hemm sinjali t'infezzjoni u fuq dan hi kklassifikat dawk l-griehi bhala ta' natura gravi per durata.  Meta giet murija z-zewg certifikati esibita bhala dokumenti RM 5 u RM 8, ix-xhud kkonfermat li dawk kienu gew rilaxxjati minnha u kkonfermat l-kontenut taghhom. Meta giet murija z-zewg ritratti esibiti fl-atti bhala dokument RM 6, ikkonfermat li dawk kienu ritratti ta' wicc Denise Camilleri u li l-feriti hemm murija kienu dawk li rriskontrat hi meta ezaminatha.

Illi nhar l-hmsatax ta’ Marzu 2006 **xehdet Denise Camilleri** [fol 27] fejn qalet li toqghod 22, Flat 1, ‘Hilda’, Triq il-Gummar, B’Kara, fl-ewwel sular tal-istess blokk fejn toqghod l-imputata presenti fl-awla. Qalet li xi zmien ilu l-imputata kienet bdiet titfa s-sigaretti minn fuq il-bejt ghal gol-bitha taghha, anzi ghal mat-tieqa fejn hemm il-kamra ta’ binha fejn hi tonxor wkoll. Qalet li ghalhekk s-sigaretti jispiccaw fuq il-hwejjeg minxurin taghha, tant li anke xi hwejjeg sabet mahruqa. Qalet li hi ddecidiet li taghmel tinda kbira fuq t-tieqa tat-tifel biex tevita li jinharqulha l-hwejjeg taghha u ghal xi zmien is-sigaretti waqfu jintefghu. Ziedet tghid li wara xi zmien l-imputata regghet bdiet titfa s-sigaretti.

Spjegat li kien nhar s-sebgha ta’ Frar 2006 li hekk kif hi harget biex tonxor, lemhet lil imputata titfa s-sigaretti u qaghdet tistenniha tohrog mit-tieqa tittawwal u kif harget qaltilha biex thalliha bi kwietha u ma titfax aktar sigaretti peress li anke tinda kellha taghmel minhabba dan l-fatt. Qalet li ftit tal-hin wara semghet il-qanpiena tal-bieb ta’ barra ddoqq, maret tiftah, sabet lil imputata li baqghet diehla ghandha, gholliet idejha l-leminija b’mazz cwievet u bdiet taghtiha bil-ponn go wiccha.

Qalet li meta irnexxilha timbuttha ‘l barra, wara li kienet laqtitha f’wiccha u fi sninha, l-imputata bdiet taghti mal-bieb ta’ barra tant li haffritulha u halliet marki fuqu. Qalet li maghha dakinhar kellha lil binha ta’ tlett snin u nofs li twerwer b’dak li ra.

Qalet li s-snien li kellha dakinhar tax-xhieda taghha, ma kienux taghha, huma bhala *bridge* u li fi ftit xhur kellha tghamlilhom *case* u l-erbgha snien ta’ quddiem, ma kienux hemm. Hi kkonfermat li l-griehi f’wiccha u fuq hugbejha sehhew dakinhar tas-sebgha ta’ Frar 2006 mill-imputata u ma kienux hemm qabel. Qalet li meta l-imputata marret ghandha tattakkaha, maghha kien hemm binha, pero lil dan kienet hallietu barra, fl-indana tat-tarag qabel tidhol ghandha. Hi qalet li kienet certa li l-imputata attakkata b’mazz cwievet li kellha f’idejha.

Illi nhar l-hmsatax ta’ Marzu 2006 **xehed PS 1043 Frankie Pace** [fol 30] fejn qal li nhar s-sebgha ta’ Frar 2006 Denise Camilleri ghal habta tas-siegha ta’ wara nofsinhar kienet marret taghmel rapport u hu kien ipprepara l-okkorrenza relattiva li esibixxa bhala dokument RM 1. Qal li waqt l-investigazzjoni li hu ghamel rrizulta li fuq il-bieb principali ta’ Denise Camilleri kien hemm xi daqqiet u brix.

Illi nhar t-tlieta ta’ April 2006 **xehed id-Dentist Doctor John Attard Montaldo** [fol 33] fejn qal li hu kien ezamina lil Denise Camilleri nhar s-sebgha ta’ Frar 2006 fil-klinika privata tieghu f’Hal Qormi fejn irriskontra grif f’wiccha u kellha snienha ta’ isfel miksurin kollha u ghalhekk kellu jaqlahomlha. Qal li hu qala l-erbgha sinniet ta’ isfel ta’ quddiem. Spjega li peress li dawn ma jergghux jikbru, trid tghamilhom foloz. Zied jghid li jekk dawn isiru tal-porcellana, estetikament ma jkunux jidhru li huma differenti. Qal li fil-fehma tieghu, peress li kellha erbgha sinniet miksura, dawn huma feriti gravi. Meta gie muri r-rirtatt esibit fl-atti qal li s-sinniet hu kien qalahom qabel ma ttiehdet dak r-ritratt u l-grif kien ghadu hemmhekk. Meta gie muri zewg ritratti ohra, x-xhud qal li hemm jidhru l-feriti li kellha Denise Camilleri kompatibbli ma xebgha.

Qal li ma kienetx l-ewwel darba li kien ezamina lil Denise Camilleri peress li hi kienet pazjenta tieghu fuq affarijiet normali, bhal tindif ta’ snien u affarijiet ta’ natura zghira. Qal li l-pazjenta kienet persuna ta’ eta zghira u ghalhekk ma kienx ta’ bilfors li kellu jkollha snin tal-porcellana, tista tghazel li toqghod bla snin jew taghmel dentatura, li tiswa circa hamsin lira maltin, filwaqt li dawk tal-porcellana jiswew circa sitt mitt lira maltin. Qal li tnehhija tas-snin kienet wahda indispensabbli u li kieku ma kienx hemm din t-trawma ‘n kwistjoni, ma kienx ikun hemm lok ghalfejn jinqalghu dawn s-snien.

Illi nhar l-ghaxra ta’ Lulju 2006 **xehed Alexander Micallef** [fol 50] fejn ikkonferma li hu kien ghamel xi xoghol ta’ tiswija fil-bieb principali ta’ Denise Camilleri. Meta gie muri ricevuta ta’ VAT markata bhala dokument RM 4 a fol 18, ix-xhud qal li dik kienet giet mahruga minnu u li sa fejn

jiftakar hu, peress li kien ghadda xi ftit taz-zmien, kien hemm xi grif fuq dan l-bieb.  Qal li jekk ma kienx sejjer zball, kien anke rranga s-serratura tal-istess bieb.

Illi nhar s-sitta ta’ Settembru 2006 **xehed PS 874 Patrick Zammit** [fol 60] fejn qal li minn ricerka li hu ghamel fuq l-imputata biex jara jekk kellhiex licenza mill-Kummissarju tal-Pulizija biex izomm jew iggorr strument bil-ponta u li jaqta, rrizultalu li din ma kellhiex.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta’ Novembru 2006 **xehdet l-imputata minn jeddha b’mod voluntarju** [fol 69] fejn spjegat li hi tghix fil-fond ‘Gilda’, Flat 4, Triq il-Gummar, B’Kara u ilha tghix ghal circa sebgha snin f’dan il-fond li huwa sovrapost ghal fond ta’ Denise Camilleri.  Qalet li kellha zewgt itfal, wiehed ta’ sittax u iehor ta’ erbgha snin u nofs.  Qalet li nhar s-sebgha ta’ Frar 2006, hi kienet telqet mid-dar kmieni biex tiehu lil binha l-iskola w indunat li binha kellu ftit tas-soghla w ghalhekk regghet irritornat lura bih d-dar, cempet lit-tabib u bdiet tnaddaf.  Qalet li kif kienet qed timsah l-hogor tat-tieqa, semghet lil xi hadd jghajjat ‘qbadtek…qbadtek…’  Qalet li fil-post hi m’ghandhiex gallarija, hemm biss twieqi tal-bedroom li jaghtu ghal go shaft ta’ garaxx li jinsab taht.  Qalet li kif harset, indunat li ma kien hemm hadd pero kif baxxiet rasha rat lil Denise Camilleri.  Qalet li din ma toqghodx tahtha fil-blokk taghha, pero toqghod tahtha fi blokk iehor adjacenti.

Qalet li kif ratha qaltilha ‘Inti lili qed tghid’ u Denise rrispondietha ‘Iva, lilek.  Xbajt titfa sigaretti !’  Ix-xhud qalet li qaltilha ‘Min, jien ?’.  Ziedet tghid li din kienet t-tieni darba li Denise Camilleri akkuzata b’dawk l-affarijiet u dan ghaliex kien hemm incident iehor sentejn qabel fejn kien hemm l-inkwilin tan-numru sitta li kien tarilha ashtray u fil-fatt kienet spjegatilha effettivament li kienet l-ohra dakinhar.  Qalet li l-ewwel kaz ma kienx gara fl-istess post fejn gara l-incident odjern.  Qalet li nonostante li dakinhar hi kienet indikat lil Denise Camilleri min kien tajjar s-sigarett, ma kienet qaltilha xejn, pero minn dakinhar ma kellmithix aktar.

Qalet li wara li Denise Camilleri qaltilha hekk dakinhar, hi ddecidet li tmur tkellimha u libset lil binha, marret cemplet l-qanpiena ta' Denise Camilleri li damet ftit ma fethitilha, harset lura biex tara lil binha niezel hdejha, u kif dawwret wiccha, Denise Camilleri ma tathiex cans titkellem, qabditha minn xaghrha u gibditilha rasha. Qalet li dak l-hin infixklet, nizlet saqajha minn fuq t-targa, kienet ser taqa u f'hin ta' sekonda kienu f'xulxin waqt li Denise Camilleri bdiet toffendiha. Qalet li Denise Camilleri qabditha minn xagharha, nizzlitilha rasha 'l isfel u bdiet taghtiha bil-ponn.

Mistoqsija fejn laqtet lil Denise Camilleri, l-imputata wiegbet li ma kienetx taf u kull ma tfakret kien li qaltilha biex ma tkellimhix u ma tharisx lejha aktar. Qalet li wara qabdet lil binha u telghet 'l fuq.

Mistoqsija jekk tiftakarx li kienet rrilaxxjat stqarrija, l-imputata wiegbet fl-affermattiv u fil-fatt ikkonfermat l-istess stqarrija. Mstoqsija jekk kienetx liebsa xi crieket dakinhar tal-incident, x-xhud wiegbet li filghodu ma tilbisx crieket u li hi qatt ma kellha intenzjoni li tiggieled. Qalet li min jaf kemm il-darba kienet ssellmilha u tghidilha bongu lil Denise Camilleri u din ma tirrispondhiex. Hi cahdet li dakinhar tal-incident kellha xi cwievet f'idejha ghaliex kienu fil-bieb peress li ma kellhiex bzonn tehodhom maghha peress li kienet ser tibqa fl-istess flat taghha. Qalet li bejn l-ewwel w t-tieni incident ghamlu xi sentejn ma jitkellmux hi u Denise Camilleri.

Qalet li kien veru li Denise Camilleri kienet ghamlet tinda fit-tieqa taghha, ghalkemm ma kienetx taf meta ghamlitha u hi kienet hasbet li ghamlitha biex ma toqghodx tiehu kedda u titla tonxor fuq il-bejt. Qalet li l-fond in kwistjoni huwa tal-kiri u xebghu jinbidlu nies fih. Cahdet li hi qatt messet il-bieb taghha li kien tal-*flash door* mghotti bil-vernic mimli daqqiet, li kien ilu hemm xi erbghin sena. Cahdet li hi kienet dahlet ghandha dakinhar tal-incident ghaliex l-incident sehh fuq l-indana hdejn t-tarag. Qalet li hi kellha tiddefendi ruhha minn Denise Camilleri li qabditha minn xagharha u tilfet l-bilanc u kienet ser taqa u kien ghalhekk li qabdet fiha, biex ma taqax. Meta giet

murija zewg ritratti a fol 20 u 21, x-xhud ma wiegbet xejn dwarhom fis-sens li qalet li ma setghetx tghid minn fejn gew dawk l-griehi. Qalet li hi ma rat ebda demm f'wicc Denise Camilleri dakinhar tal-incident.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza il-Qorti hija rinfaccata b'zewg versjonijiet tal-fatti rigward kif sehh l-incident fejn wegghet gravi Denise Camilleri, hemm dik il-versjoni kif proposta mill-allegata vittma Denise Camilleri u cioe li hija giet vjolentata gewwa darha mill-imputata ghal gharrieda u dik moghtija mill-imputata li tghid li hija marret tkellem lil Denise Camilleri sabiex tiehu sodisfazzjon ghaliex kienet qed twahhal fiha li kienet qed tarmi s-sigaretti fil-bitha taghha. L-imputata pero tichad li dahlet ghand Denise Camilleri jew li aggredietha jew li kagunat l-hsara fil-bieb principali taghha.

Illi ghalhekk ma hemmx dubbju li kollox jiddependi fuq kredibilita tax-xhieda u dan billi bhala gudikant, il-Qorti sejra taghti qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hiex kostanti u ta' fatizzi ohra tax-xhieda taghhom u jekk x-xhieda hiex imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti hija f'posizzjoni ferm aktar favorevoli minn Qrati ohra meta tigi sabiex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghexet il-process kollu tul medda ta' zmien u ghalhekk kienet f'posizzjoni, wara li semghet x-xhieda kollha jixhdu viva voce quddiemha, tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom stante li kienet hi stess li kkonstatathom x'interess setgha kellu xi xhud f'dak li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Huwa minnu kif gie allegat mid-difiza, li jekk l-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera stante li tali konflitt, ghandu jmur a beneficcju tal-imputat, pero huwa veru wkoll kif gie deciz mill-***Qorti tal-***

***Appell Kriminali fid-dsatax ta' April, 1997*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Graham Ducker** li;

"*It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt; whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one*".

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar prova sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale*** - Vol III Kap IV- pg. 234- Ediz 1890 -

"*Il cosi detto onero della prova cioe il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui asserit."*

Illi ma hemmx dubbju li l-Qorti trid tqis wkoll l-provi indizzjari, li hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero dawn il-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-gudikant jaccerta ruhu li huma univoci.

**Archbold** fil-ktieb tieghu ***Criminal Parctice*** (1997 edition para 10-3) b'referenza ghal dak li qal ***Lord Normand*** fil-kaz **Teper v R** (1952) jghid:

"*Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury are permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another... It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure taht there is no other*

*co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference.*"

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Emanuel Seisun** nhar d-disgha ta' Jannar, 1998.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal sentenza ohra moghtija wkoll mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax ta' Gunju, 1998*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Lee Borg** fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat, u <u>hadd iktar, anzi l-akkuzat biss</u>, li hu il-hati u li l-provi li jigu imressqa jkunu nkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.

Issa, kif hu ben saput fis-sistema gudizzjarja nostrana, sabiex tigi radikata htija tal-imputat ghal feriti gravi, hija bizzejjed l-intenzjoni generika li jikkawza xi offiza fuq il-persuna tal-ferut. Il-ligi trid principalment, tikkastiga u tiddiswadi l-uzu t'aggressjoni fizika bhala reazzjoni ta' persuna ghal komportamenti u disappunti riskontrati fir-relazzjonijiet socjali u huwa hati ta' reati ta' offiza fuq il-persuna, kull wiehed li jikkawza feriti fuq haddiehor.

Fil-ligi taghna, ai fini ta' reati ta' offiza voluntarja fuq il-persuna, hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Jekk l-intenzjoni tal-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hi zghira, din il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu jrid iwiegeb ghal konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta t'ghemilu.

Illi ma hemmx dubbju mill-provi prodotti li l-imputata, b'rabbja, nizlet, kif *ex admissis* tghid hi stess fl-istqarrija, ghas-sodisfazzjon sabiex titkellem mal-vittma Denise Camilleri dwar allegazzjoni li l-istess Denise Camilleri kienet wadbet xi sigaretti fil-bitha tal-imputata. Illi l-imputata fl-istqarrija taghha tghid li hija cemplet il-qanpiena tal-bieb tad-dar ta' Denise Camilleri u minnufih

gew fl-idejn. Dak l-hin l-imputata tghid li ddefendiet ruhha mill-aggressjoni ta’ Denise Camilleri.

Hija, ghalkemm ammettiet li giet fl-idejn mal-vittma, cahdet li kkagunatilha kemm il-hsara f’halqaha billi qalghetilha sniena, kif wkoll fil-proprjeta taghha.

Illi mix-xhieda tad-dentist Doctor John Attard Montaldo, l-istess dentist li jiehu hsieb l-vittma, jirrizulta li Denise Camilleri ma kellhiex problemi bi snienha qabel dan l-incident w ghalhekk zgur li tali hsara fil-halq taghha giet kagjonata waqt l-aggressjoni mill-imputata.

Jirrizulta wkoll anke mix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni, li l-bieb ta’ barra kellu diversi hsarat kif irrappurtat l-istess Denise Camilleri, ghalkemm din l-allegazzjoni giet wkoll michuda mill-imputata.

Mistoqsija jekk ghamlitx rapport dwar l-incident una volta qalet li giet aggredieta minn Denise Camilleri, l-imputata wiegbet fin-negattiv.

Mistoqsija jekk kienetx irrabbjata meta nizlet ghand l-vittma Denise Camilleri, l-imputata tghid li kalma ma kienetx, ghalkemm ma kellhiex dik r-rabbja li ‘tiekolha’.

Illi l-provi cirkostanzjali u cioe c-certifikati medici lkoll juru li kienet l-vittma li giet aggredita u mhux l-imputata. Ma hemmx dubbju minn ezami tar-ritratti esibiti li l-aggressjoni kienet wahda feroci li mhix accettabbli f’socjeta demokratika, molto piu bejn girien li ghandhom ifittxu l-wens f’xulxin f’kaz ta’ bzonn.

Il-Qorti hija tal-fehma li kienet l-imputata li aggrediet lil Denise Camilleri w ikkagunatilha l-feriti kif deskritti fic-certifikati medici esibiti u li kkagunatilha hsara fil-proprjeta taghha.

Ghalhekk **l-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 64, 214, 215, 216, 217, 218, 325(a), 339(d)(e), 338(dd), 252(1), 17( c), 383, 20, 30 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddikjara li qed**

**issib lil imputata MARY FARRUGIA hatja tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront taghha.**

Il-Qorti rat **i**l-fedina penali netta tal-imputata esibita a fol 3 tal-atti markata bhala dokument CSH 1 minn fejn jirrizulta li l-imputata m'ghandha ebda tebgha ta' reat jew kontravenzjoni registrat fuqha u ghaldaqstant ghandha tigi trattata bhalikieku hija *a first time offender*, pero minn naha l-ohra thoss li ghandha taghti l-protezzjoni kollha li jisthoqqilha li tinghata lill-vittma, li ntortament gewwa darha sfat attakkata vjolentement.

Ghalhekk, il-Qorti trid tikkreja bilanc fil-piena li ser taghti sabiex timpunixxi lil imputata ghal agir taghha kif wkoll fl-istess hin, taghmel gustizzja mal-vittma li spiccat feruta ghal xejn b'xejn.

Ghalhekk **il-Qorti wara li tiddikjara li qed issib lil imputata MARY FARRUGIA hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghha tiddeciedi li tikkundannaha ghal perjodu ta' tmintax [18] il-xahar prigunerija sospizi ghal tlett [3] snin bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali. Tordna wkoll li din l-Ordni ta' supervizzjoni tigi annessa ma din s-sentenza.**

**Il-Qorti tordna wkoll li kopja ta' din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation ai termini tal-artikolu 11(5) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u tissolecita lil istess Direttur sabiex jinnomina persuna li jkollha esperjenza dwar kif tittratta ma kazi simili u taghmel s-supervizzjoni tal-imputata Mary Farrugia.**

**Dwar t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex, ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tikkundanna lil imputata thallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti jew esperti, il-Qorti tichad tali talba stante li ma gie nominat ebda espert f'din l-kawza.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car lil imputata l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li hi tonqos li tosservaha.**

**L-imputata minn naha taghha tiddikjara li fehmet ben tajjeb l-import ta' din s-sentenza u x'jigri jekk tonqos li tosservaha.**

**Tordna wkoll li kopja ta' din s-sentenza tinghata lil istess imputata Mary Farrugia.**

**Consuelo Scerri Herrera Ll. D**
**Magistrat**

**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Victor Aquilina**
**Spettur Ramon Mercieca**
v

**MARY FARRUGIA**

**ORDNI TA' SUPERVIZZJONI**
**[Artikolu 28G(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta]**

**Seduta ta' llum,……………………….. 2007**
Billi b'sentenza moghtija llum fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi l-imsemmija **MARY FARRUGIA giet kkundannata** ghal **piena karcerarja ta' tmintax [18] il-xahar sospizi ghal tlett [3] snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Supervizzjoni;

Wara li fissret bi kliem car l-effetti ta' dan l-Ordni ta' Supervizzjoni lil imputata probationer Mary Farrugia, inkluz l-htigijiet mizjuda skond s-sub artikolu 7(1) tal-Kap

446 w innutat li l-istess probationer wriet li trid thares l-htigijiet ta’ din l-istess Ordni;

**Tordna li** l-imsemmija **MARY FARRUGIA** ta’ erbgha w erbghin sena, bint Carmel u Giovanna nee Muscat, imwielda Pieta nhar s-sebgha w ghoxrin ta’ Gunju 1961, u residenti ‘Hilda’, Flat 4, Triq il-Gummar, B’Kara, detentrici tal-karta tal-identita` numru 416461M **titqieghed taht is-supervizzjoni tal-Ufficjal Sorveljanti nominat u dan ghal perjodu ta' tlett [3] snin mill-lum taht dawn il-htigijiet:**

1. Illi matul dan il-perjodu ta’ tlett [3] snin imputata probationer Mary Farrugia ghandha ggib ruhha tajjeb, tghaddi hajja ta' bzulija u toqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer, inkluz kull direttivi li l-Probation Officer jhoss li jkunu necessarji sabiex ma tiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;
2. Illi l-imputata probationer Mary Farrugia ghandha tibqa zzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer skond d-direttivi li dan jaghtiha minn zmien ghal zmien u partikolarment hi ghandha, jekk l-Probation Officer jkun irid hekk, tircievi zjarat tieghu fid-dar taghha;
3. Illi l-imputata probationer Mary Farrugia ghandha minnufih tgharraf lil Probation Officer b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol taghha;
4. Illi l-imputata probationer Mary Farrugia ghandha tidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer kull sitt xhur fid-data w il-hin li jigu komunikati lilu mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputata probationer.

**Tordna li kopja ta’ din l-Ordni tinghata lil hatja, lid-Direttur inkarigat mill-Ufficju tal-Probation Services kif wkoll lil Ufficjal Sorveljanti nominat skond s-sub artikolu 7(8) tal-Kap 466 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

………………………..
**MARY FARRUGIA**

**……………………………………**
**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------